**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2019.**

**Rikors nru: 54/17 AGV**

AB

Vs

L-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li permezz ta' digriet datat 22 ta' Marzu, 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici u l-konvenut izzewwgu fit- 3 ta' Dicembru, 2002, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat (Dok.A) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, ED li twieldet fit-8 ta'April, 2007, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat (Dok.B);

2. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli peress illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi u ta' ingurji gravi fil-konfront taghha;

3. Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Jannar, 2013 (anness u mmarkat bhala Dok. C), l-konvenut gie ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u minn dakinhar l-attrici ma kellha ebda kuntatt mieghu u sal-prezent ma tafx x'sar minnu;

4. Illi in vista ta' dan, l-attrici tixtieq li tissepara minn ma' zewgha u tigi regolata l-kura, l-kustodja u l-manteniment tat-tifla minuri ED u dan fl-ahjar interess suprem tal-minuri;

5. Illi l-konvenut CD halla warajh somma sostanzjali ta' dejn li sar waqt iz-zwieg u li qieghed jithallas unikament mill-esponenti;

6. Illi l-fond numru 3, Sqaq Numru 2, Triq il-Kbira, Siggiewi serva bhala dar matrimonjali fiz-zwieg bejn il-kontendenti, liema fond huwa proprjeta'

parafernali tal-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

7. Illi nfethet medjazzjoni mill-attrici u in vista tac-cirkostanzi il-medazzjoni nghalqet b'digriet numru 131/17 hawn anness u mmarkat (Dok. D) moghti minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk qeghda ssir din il-kawza odjerna;

8. Illi kontestwalment ma' din il-kawza gie pprezentat ukoll rikors ghall-hatra tal-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti CD;

9. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment. Ighid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tippronunzja li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-raguniiet inter alia indikati fir-rikors mahluf odjern, jew liema minnhom, u li abbazi taghhom qiedgha tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

3. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante, ir-ragunijiet indikati jew liema minnhom;

4. Tapplika l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte kontra l-konvenut u favur l-attrici, u ghalhekk tiddikjara illi l-konvenut, b'effett mid-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala data minn meta l-istess konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, iddekada minn sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti, tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni qabel u wara z-zwieg jew b'titolu

gratwitu iehor minn ghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-attrici, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici u tiddikjara inoltre illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess, tenut kont kemm l-attivi kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; tillikwida ukoll kull kreditu li l-attrici ghandha kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-konvenut;

6. Tiddividi u tassenja l-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti f'ishma li mhux necessarjament ikunu ugwali stante li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn ghall-komunjoni, kif ukoll ma jitqies intitolat ghall-akkwisti maghmulin bix-xoghol tal-attrici okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha;

8. Tiddikjara u tordna illi l-kura u kustoda tat-tifla minuri ED, ghanddha tigi fdata eskluzzivament f'idejn l-attrici ad eskluzjoni tal-intimat b'dana li l-istess Qorti ghandha ukoll tiddikjara u tordna li l-istess tifla minuri ghandha tghix flimkien mal-attrici gewwa Malta ad eskluzjoni tal-konvenut;

9. Tiffissa manteniment xieraq ghat-tifla minuri E skond il-bzonnijiet tal-istess u b'konsiderazzjoni tal-mezzi tal-konvenut;

10. Tordna lill-istess konvenut ihallas dak is-somma hekk stabbilita kull xahar bhala manteniment ghal istess tifla minuri;

11. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut, ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenut minnhom rapprezentat;

2. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lill-attrici tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat;

3. Illi ghal kull buon fini qed jigi eccepit illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

## FATTI

## RESPONSABBILITA'

1. Illi l-partijiet kienu ltaqghu f'barbecue s-Siggiewi, meta l-attrici kien ghad kellha 20 sena. Kienu bdew johorgu flimkien u kien jidher bhala tifel bil-ghaqal. Tispjega l-attrici, li wara ftit xhur kien talabha biex imur ighix maghha fid-dar tal-genituri taghha. Peress li kienet l-unika

wild, tistqarr li l-genituri taghha dejjem ippruvaw jikkuntentawha u ghalkemm fil-bidu kienu ftit xettici, wara ftit accettaw.

2. Il-partijiet damu jghixu flimkien fid-dar tal-genituri tal-attrici, sakemm iddecidew li jizzewwgu. L-attrici kienet dejjem titrattjeni peress li kienet ghadha zghira, pero' kienet taf li l-konvenut kellu problemi bir-residenza ghax kienu dejjem sejrin ghand l-ufficju tal-Immigration.

3. Wara l-ewwel snin taz-zwieg, il-konvenut kien imur f'hanut tax-xorb u ma kienx jidhol id-dar mill-ewwel. Kien hemm hafna drabi meta kien jidhol lura d-dar fis-sakra. Il-problemi mbaghad bdew jaggravaw ghax kienet korriet it-tarbija li kienet qed tistenna. Per konsegwenza kienet waqqghet f'depression u kienu l-genituri taghha li kienu ghejnuha u akkumpanjawha ghall-kura medika. Ittenni li l-konvenut ma kienx jikkunslaha u minflok kien jippreferi joqghod fil-bar jixrob.

4. L-attrici tispjega ukoll illi meta regghet kienet harget tqila bit-tieni tarbija kellhom tifla E, izda l-konvenut ma kienx mar maghha l-isptar biex twelled, kienu marru maghha l-genituri. Tghid lil l-konvenut kien fis-sakra u ma felahx imur l-isptar u l-attrici tikkonferma li kien iddispjaciha.

KURA U KUSTODJA U MANTENIMENT GHALL-MINURI

1. Wara li twieldet it-tifla minuri E, kienu zdiedu l-problemi ghaliex il-konvenut kien jirrifjuta li jghaddilha flus ghat-tifla u ghalhekk kellha terga' tohrog tahdem, filwaqt li l-genituri taghha kienu jzommulha lit-tifla u kienu ukoll ighinuha finanzjarjament.

2. Kellhom ukoll problemi billi l-konvenut kien oppona li jghammdu lit-tifla, anke jekk kienu ftehmu li titrabba fir-religjon Kristjana. Fil-fatt, ir-rikorrenti tikkonferma li kienet ghammdet lit-tifla meta kellha seba' snin u l-konvenut kien abbanduna d-dar matrimonjali. Illum tghid li ma tafx fejn jinstab il-konvenut u ghalhekk qed tiggieled sabiex ikollha l-kura u kustodja tal-minuri.

3. L-attrici tghid li wara li twieldet it-tifla, il-konvenut kien beda jahdem part-time u ftit kien ikun id-dar u meta gieli dahal fis-sieghat bikrin ta' filghodu kien jippretendi li jqajjem lit-tarbija biex joqghod jilghab maghha, izda l-attrici ma kinitx thallih.

4. Il-konvenut ghamel xi zmien jahdem zewg xogholijiet, izda r-rikorrenti tispjega li rari kien ighaddilha xi flus u prattikament rabbiet lil bintha wahdedha. Ma setghetx tifhem fejn kien jonfoq il-flus, minkejja li jghid li kien jibghat il-flus lil ommu, izda tghid li kien hemm darba fejn kienet sabet bicciet tal-foil u trab abjad u hemm bdiet tissuspetta hazin, minkejja li l-konvenut kien innega kollox.

**ASSI PARAFERNALI**

1. L-attrici tistqarr li malli ma bdietx tghaddi flus lill-konvenut, bdew jonqsu l-affarijiet mid-dar bhal threadmill, cutlery set, u anke c-crieket tat-tieg. Qatt ma kkontribwixxa manteniment u halla biss djun ma' terzi, liema debiti qed thallas l-attrici.

2. Il-konvenut baqa' bil-vizzju tax-xorb u beda jsir vjolenti u meta s-sitwazzjonjiet kienet aggravat, il-genituri taghha kienu haduha ghand

avukat, li kien ipprezenta rikors sabiex il-konvenut jigi ordnat jitlaq mid-dar matrimonjali u dan peress li ma riedx jitlaq minn go fiha. Eventwalment, il-qorti kienet ordnat l-izgumbrament tal-konvenut. L-attrici tghid li malli dahlet lura fid-dar matrimonjali kienet sabet li l-ghamara kollha kienet telqet u anke l-isparebedroom u s-soft boys tat-tfal.

3. L-attrici tikkonferma li wara li l-konvenut kien gie zgumbrat ma semghetx aktar minnu u dan tul l-ahhar hames snin. Minn shabu taf li m'ghadux ighix f'Malta.

4. Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem l-attrici kienu jezistu erba' kontijiet f'isimha, ilkoll miftuhin:-

(i) Dok.JB1 savings account;
(ii) Dok.JB2 savings account;
(iii) Dok. JB 3 savings account;
(iv) Dok.JB 4 savings account.

Tispjega ukoll illi l-attrici kellha ukoll zewg joint accounts savings u loan flimkien ma' terz. Fuq il-pagamenti tal-loans tghid li dawn kienu qed jithallsu minn overdraft joint account f'isem l-attrici u t-terz, pero' dan kien qabel is-sena 2008, peress li l-kont kien inghalaq. Tghid li wara dawn kienu jithallsu minn savings account tal-attrici.[1] Pero' peress li qatt ma gie kkonfermata l-karta ta' identita' tal-konvenut, ma setghtex tikkonferma l-kontijiet ma' terzi. Effettivament, dawn il-provi qatt ma gew prodotti.

5. Dr. Annalisa Debono in rapprezentanza ta' MSV Life fuq polza AP 016247 kellha tghid li din kienet polza joint f'isem il-partijiet u li l-istess kont kien

[1] Ara Dok,.JB 1 a fol.67 tal-process.

qed jithallas permezz ta' standing order pero' s-sistema ma kinitx tindika min kien qed jaghmel il-pagamenti. Ikkonfermat ukoll li din il-polza nharget fis-sena 2005 u hija pleggjata mal-Bank of Valletta plc.[2]

6. L-Ispettur Darren Buhagiar spjega li kien hemm applikazzjoni mill-konvenut ghac-cittadinanza Maltija. Jikkonferma li kellu legal status u li l-"immigration position" kienet regolari u ma kienx jirrizulta li kien soggett ghal deportazzjoni.

7. Dehret ukoll Dr. Jessica Rita Galea in rapprezentanza ta' Identity Malta u din spjegat li ma jkollhomx informazzjoni dwar jekk l-identity card tal-konvenut kinitx iggib l-ittra "L" peress li din taqa' taht l-ufficcju tal-ID Card Unit – Identity Malta Agency.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

## ABBANDUN

Dwar l-abbandun, il-Qorti Civili, Prim'Awla, fis-sentenza taghha tat-22 ta' Frar, 1961 fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr.Joseph Xuereb noe.** rriteniet illi:- ***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ta' ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed***

[2] Ara Dok.AD1 a fol.154 tal-process.

***jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun. "***

Il-karattru ingurjuz tal-abbandun jista' jigi riskontrat biss jekk dan jippersisti in eccess tal-perjodu statutorjament koncess. Huwa deciz ukoll illi s-sentejn rikjesti mill-Artikolu 41 tal-Kodici Civili ghandhom ikunu kompjuti qabel l-istituzzjoni tal-proceduri u mhux wara.[3] Madanakollu, mhuwiex sufficjenti illi mill-provi jemergi l-allontanament ghal zmien sentejn, imma hu mehtieg ukoll jintwera illi dak l-allontanament kien ingustifikat. F'dan ir-rispett Fadda jghallem illi ***"L'abbandono volontario giusta il concetto dell'art.150 c.c., consiste nell'allontanamento di un coniuge, l'altro nolente, con l'intenzione di rimanergli lontano."***[4]

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut kien abbanduna lill-attrici fis-sena 2014, ghaliex tghid li t-tifla kellha seba' snin u kienet twieldet fl-2007 u cioe' ghaddew aktar mill-perjodu ta' sentejn rikjesta mil-ligi. L-attrici gabet provi li juru li l-konvenut kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali permezz ta' digriet tat-8 ta' Jannar, 2013[5] u kien telaq mid-dar matrimonjali u lanqas qatt m'ghamel tentattiv sabiex jikkomunika maghha, qatt ma kkomunika mal-attrici sabiex jiggustifika l-assenza tieghu. Di fatti, l-attrici ma kinitx in grad li tindika xi indirizz fejn wiehed seta' jikkomunika mieghu. Pero' minn shabu jidher li ma kienx qieghed Malta izjed.

Ghalhekk, ghal din il-Qorti, dan l-addebitu gie sufficjentement ippruvat mill-attrici bhala wahda mill-kawzi li taw lok ghal separazzjoni.

---

[3] Ara Susan Armeni vs Leonard Armeni, Qorti tal-Appell, 30 ta' Ottubru, 2015.
[4] Giurisprudenza, Art.150, para.128.
[5] Ara fol.8 tal-process.

## ADULTERJU

Mill-assjem tal-provi jista' jigi konkluz li mkien ma ngabu provi fuq xi adulterju u ghaldaqstant, din il-Qorti mhix se tikkunsidra dina r-raguni ghas-separazzjoni, mertu tal-vertenza odjerna.

## ECCESSI, SEVIZZI U NGURJI GRAVI

Tezisti distinzjoni bejn "eccessi" u "sevizzi." Fadda jghallem illi "Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge."[6] Mill-banda l-ohra, ***"Sevizie sono quegli atti di crduelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano." Baudry Lacantinerie jikkonferma illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto, che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione."***

Hekk kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-2 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi: ***"Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira li niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-hajja tal-parti l-ohra (ara Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud" deciza fit-30 ta' Gunju, 1961) u fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li fil-kaz odjern, wara li gew***

[6] Ara Gurisprudenza, Art.150, para. 214.

***ezaminati l-fatti migjuba quddiemha u kontrarjament ghal dak indikat mill-perit legali, li l-istess konvenut kien hati ta' eccessi lejn martu u dan minhabba li kien jixrob u ukoll minhabba l-vjolenza domestika li huwa kien jattwa fil-konfront taghha, apparti tghajjir u eccessi ohra."***

Mill-provi migbura l-eccessi zgur li ma gewx ippruvati. Is-sitwazzjoni ferm differenti in kwantu jirrigwarda s-" sevizzi." Abitwalment u ripetutament irrizulta li l-konvenut kien johrog jixrob mal-hbieb u ta' sikwit kien ikun fis-sakra. Qatt ma kien hemm ghall-attrici, lanqas meta twieldet it-tarbija taghhom. Addiritura lanqas kien hemm ghal support meta hi kienet tilfet l-ewwel tarbija taghhom u kienet minhabba f'hekk waqghet depression.

Din it-tip ta' hajja baqqghet ghaddejja tul iz-zwieg, tant li l-attrici ma felhitx iktar u ghalhekk jissussistu l-elementi mehtiega ghal dan l-addebitu u soddisfacentement gie ppruvat.

**DIVORZJU**

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw għal mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57. [7]

Il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien minn qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna ghax mit-8 ta' Jannar, 2013, il-konvenut kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b'digriet tal-Qorti u minn dakinhar abbanduna lill-familja tieghu. Ghalhekkk ghaddew aktar minn hames snin minn mindu ghexu separatament. M'hemmx dubju li l-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, peress li minn dakinhar li telaq il-konvenut qatt m'ghamel kuntatt mal-attrici.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn ħames snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment peress li l-attrici ma tafx fejn jinstab ighix u lanqas hemm xi prova dwar digriet ta' manteniment.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Mill-bidunett taz-zwieg taghhom, meta twieldet it-tarbija, l-konvenut qatt ma kien prezenti mill-ewwel mumenti ta' hajjitha.

Lanqas qatt ma kkontribwixxa ghall-bzonnijiet tal-minuri, tant li kienet l-attrici li dejjem hadmet u mmantniet lil binthom. Tenut kont li llum ghaddew aktar minn

[7] Ir-rekwiziti taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili

hdax-il sena minn meta l-attrici u bintha kellhom kuntatt mal-konvenut, aktar u aktar meta lanqas jafu fejn jinstab, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja ghandha tkun eskluzziva ghall-attrici.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Skond l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili ***"iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu , ighallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*** L-obbligu ta' manteniment ikompli sakemm it-tfal ighalqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu, liema wahda minn dawn tavvera ruhha l-ewwel, jew sa tlieta u ghoxrin sena sakemm ikunu qed jistudjaw full time.

L-attrici minn dejjem hadmet u kkontribwit ghat-trobbija u l-bzonnijiet ta' binthom. Il-konvenut jidher li kien jahdem u gieli kellu zewg impjiegi f'salt. Ma hemmx dubju li ghalhekk l-konvenut ghandu kull kapacita' lavorattiva. Il-problema minn dejjem kienet li kien iberbaq il-flus li kien jaqla' u qatt ma kkontribwixxa ghal bzonnijiet tal-attrici u ta' bintha.

Oltre minn hekk l-alimenti jmorru ferm oltre, l-ispejjes tal-hajja, izda jinkludu ukoll l-ispejjes edukattivi u ta' sahha.

Tenut kont ta' dawn il-fatturi, il-fatt li l-konvenut abbanduna lill-familja tieghu ma twassal ghal ebda gustifikazzjoni u lanqas tezonerah mill-obbligu ta' manteniment. Mizjud ma' dan li qed jinghad, mill-assjem tal-provi ma jirrizultax x'inhuma l-mezzi tal-konvenut u x'tip ta' impjieg ghandu u ghalhekk din il-Qorti se jkollha tobbligah ihallas manteniment ikkalkolata fuq il-minimu li generalment

jigi applikat u cioe' l-ammont ta' €200, flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Bhala assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jidher illi jezistu biss kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta li huma kollha savings account f'isem la-attrici, precisament:-

(i) Dok.JB1 savings account;
(ii) Dok.JB2 savings account;
(iii) Dok. JB 3 savings account;
(iv) Dok.JB 4 savings account.

Mhuwiex car jekk kienux jezistu joint accounts mal-konvenut peress li qatt ma giet ikkonfermata l-karta ta' identita' tieghu mar-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc. li ghalhekk ma setghetx tikkonferma dawn il-kontijiet. Jirrizulta ukoll li kien hemm loan account f'isem l-attrici, flimkien ma' terz, liema kont kien qed jithallas minn savings account tal-attrici. Ghal darb'ohra dan ma giex ikkonfermat minhabba li l-karta ta' identita' tal-konvenut ma gietx ikkonfermata.

Jirrizulta li kien hemm pero' polza ta' life insurance AP 016247 joint, mal-MSV Life, izda ma setghetx tikkonferma min kien qed jaghmel il-pagamenti.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta ukoll illi minn meta l-konvenut gie zgumbrat mid-dar matrimonjali kien ha diversi oggetti mill-istess dar, fosthom l-ghamara, xi soft toys tat-tfal, ic-crieket tat-tieg, threadmill, cutlery set u spare bedroom. L-attrici

naqset li tipproduci l-valur ta' dawn il-mobbli li rrizultawlha nieqsa mid-dar matrimonjali.

Mill-assjem tal-provi, ghalhekk il-kontijiet bankarji tal-attrici ghandhom jibqghu taghha. Kwalsiasi kontijiet bankarji li seta' kien hemm f'isem it-tnejn ghandhom jinghalqu u l-flus jigu assenjati lill-attrici.

Il-polza AP 016247 mal-MSV Life ghandha tigi assenjata lill-attrici u dan flimkien mal-assenjazzjoni fuq imsemmija, sabiex b'hekk jigu saldati ukoll l-ispejjes tal-mobbli li ha l-konvenut meta gie zgumbrat mid-dar matrimonjali.

**DEKADENZA**

Il-ligi tohloq distinzjoni bejn id-dekadenza konsegwenzjali ghall-adulterju u/jew abbandun hekk kif kontemplata fl-Artiklu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u d-dekadenza konsegwenzjali ghall-addebiti skond l-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif kontemplata fl-Artikolu 51. Filwaqt illi fl-ewwel kaz, id-dekadenza tapplika ex lege, fit-tieni kaz l-applikazzjoni tad-dekadenza hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Inoltre, l-Artikolu 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li jigu mtaffija l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 b'mod li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni tiddeciedi jekk tapplikax dan l-ahhar artikolu interament jew altrimenti biss f'partijiet minnu, jew inkella ma tapplikahx.

In linea mal-konkluzzjonijiet milhuqa u b'zieda mal-istess qieghed jigi rakkomandat illi d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi applikat fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-hall taz-zwieg;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba abbandun u sevizzi;
3. Tilqa' t-tielet talba attrici;
4. Tilqa' r-raba' talba attrici limitatament ghall-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tilqa' l-hames talba attrici;
6. Tiddividi u Tassenja l-assi skond kif deciz aktar 'l fuq fis-subtitolu "Komunjoni tal-Akkwisti";
7. Tilqa' s-seba' talba attrici;
8. Tilqa' t-tmien talba attrici;
9. Tilqa' d-disa' u ghaxar talba u tordna lill-intimat ihallas manteniment fl-ammont ta' €200, oltre' ma' nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.
10. Tilqa' l-hdax-il talba u tordna li s-sentenza tigi registrata fi zmien (Ghaxart) ijiem mad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**